FGURA

Minuti tas-sitta' u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 12 ta' Frar 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.05pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` CLJ |
| Viċi-Sindku | Dr. E. Grech M.D. |
| Kunsillieri: | Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur C Agius<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur C Bonello |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 27 ta' Jannar 2009** – Is-Sur C Bonello talab sabiex wara paragrafu 6.1 jiżdied il-kliem "Qabel ittieħed il-vot, is-Sindku rrimarka li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ried jaqdi xi bażużlu". Is-Sindku ressaq dikjarazzjoni fejn kiteb "B'riferenza għar-rimarka li għadda l-kunsillier is-Sur Charles Bonnello, niddikjara li jien indirizzajt lil sħabi l-kunsilliera preżenti biex noqogħdu attenti u nkunu ġusti ma' kulħadd kif għamilna dejjem u mhux inħarsu lejn l-uċuħ biex ngħaqqdu xi bażużlu". Wara s-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti ppreżentati flimkien mat-talba tas-Sur C Bonello kif ukoll id-dikjarazzjoni mressqa mis-Sindku msemmija aktar qabel. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sur M Lombardo, Sur C Bonello, Sinjura R Cutajar, Sur C Agius.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur A Debono.

Is-Sur C Bonello talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet

Il-minuti tal-laqgħa tas-27 ta' Jannar 2009 kif emendati kienu approvati bi tmien voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.2 F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar jekk dak li kien tressaq mis-Sur C Bonello kenitx rimarka jew emenda. Is-Sindku nforma li kien ser iressaq riżoluzzjoni speċjali dwar il-minuti li kienu għadhom kif ġew approvati. Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku u s-Sur P Dalli. Is-Sur C.Bonello talab lis-

Sindku sabiex jagħti ruling jekk tistax issir riżoluzzjoni fuq minuti approvati. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku rtira din ir-riżoluzzjoni speċjali in vista li l-Kunsill ma kellux parir legali dwar il-materja.

**2.0 Korrispondenza**

2.1 Ma kienx hemm korrispondenza mmarkata sabiex tinqara.

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand l-Onor. C. Said dwar l-inizjattiva li kienet ser tkun imnedija dwar kampanja favur użu aħjar ta' l-enerġija. Saret diskussjoni dwar il-proposti elenkati fl-istess ittra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva permezz ta' l-information boards, laqgħat kif ukoll informazzjoni li setgħet tkun stampata fuq 'il-Ħidma'.

3.2 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2434/09/5 "Sabiex joħroġ il-fuljett il-Ħidma bl-items: Informazzjoni u Kampanja Użu Enerġija u Xogħol li sar bi spiża ta €500 bit-tqassim ukoll". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2434/09/5 kienet approvata nem con.

3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-ġbir ta' skart separat fil-Fgura nhar it-Tlieta 10 ta' Frar 2009 minkejja li l-ġurnata kienet inbidlet min-naħa tal-Wasteserv bil-kollaborazzjoni ta' l-AKL. Saret diskussjoni. Kellu jkun hemm kjarifika dwar din il-materja ma' l-AKL u l-Wasteserv minħabba li nhar il-31 ta' Marzu 2009 kienet ser taħbat it-Tlieta wkoll.

3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgħa pendenti min-naħa ta' l-ADT in vista ta' l-ittra li kienet intbagħtet min-naħa tagħhom dwar xogħlijiet li allegatament saru mingħajr il-permess. Saret diskussjoni.

Is-Sur C Bonello u s-Sur A Debono ħarġu mill-kamra – 19.35hrs.

3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-iskadenza tal-Kuntratt tat-tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill. Dan il-Kuntratt setgħa jkun estiż għal sena oħra. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2435/09/5 "Sabiex jiġi estiż il-kuntratt TDF-17/08 għal sena oħra kif jistipula l-kuntratt". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar, Sur C Agius.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur M Lombardo

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2435/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim għal fondi mill-UIF li kien ser isir nhar il-ġimgħa 13 ta' Frar 2009 dwar xogħlijiet ta' diversi bankini fil-Fgura. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2436/09/5 "Wara li jiġi ffirmat il-ftehim mal-UIF dan il-Kunsill għandu jipproċedi bil-

kuntrattur eżistenti l-Asfaltar". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2436/09/5 kienet approvata nem con.

3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar proposta ta' Job Shadowing li kien irċieva l-Kunsill mingħand l-iskola ta' Verdala. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2437/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta l-proposta ta' Job Shadowing kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2437/09/5 kienet approvata nem con.

3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar e-mail li kien irċieva l-Kunsill fir-rigward tal-pożizzjoni li ħa l-istess Kunsill fir-rigward ta' pagamenti dovuti lill-kuntratur Ells Urban Services Ltd. Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill li kien għamel kuntatt miegħu bit-telefon l-istess kuntrattur. Huwa staqsa lis-Segretarju jekk dan in-numru tat-telefon kienx ġie mgħoddi lill-kuntrattur mill-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju nforma li mhijiex il-proċedura li jiġu mgħoddija numri tat-telefon ta' membri tal-Kunsill jekk mhux bil-kunsens tal-istess membri. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li din il-proposta tkun mgħoddija lill-Perit D Falzon sabiex ikun jista' jiggwida lill-Kunsill dwar din il-materja.

3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' parir legali li kien bagħat Dr A Ellul dwar parkeġġ quddiem il-Knisja kif diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Saret diskussjoni.

Is-Sur C Bonello daħal lura fil-kamra – 19.45hrs.

3.10 Is-Sur M Lombardo nforma lill-Kunsill dwar tabelli li ma' jippermettux li jsir parkeġġ madwar iċ-ċentru ta' Pjazza R Miller. Saret diskussjoni. Saret diskussjoni wkoll dwar il-parkeġġ quddiem il-knisja.

3.11 Is-Sindku għamel referenza għal email li kienet ċirkolata llum dwar informazzjoni li setgħet tidher fuq il-web-site tal-Kunsill. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2438/09/5 "Sabiex fil-Website tiżdied icon 'Il-Kunsill tieghek' fejn fieha jkun hemm ritratt tal-kunsilliera kollha bid-dettalji tagħhom. Jekk hu possibli isiru links ta' Għaqdiet tal-lokal. Ghandu jkun hemm counter tal-visitaturi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2438/09/5 kienet approvata nem con.

Is-Sur P Dalli ħareġ mill-kamra u daħal lura ftit wara.

3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar kwotazzjoni mill-Awditur L Cauchi dwar aġġustamenti fil-fixed Asset Register kif referut fl-ittra ta' tmexxija għas-sena 2007-2008. Wara li saret diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2439/09/5 "Sabiex il-Kunsill iqabbad lil Lawrence A.Cauchi sabiex jikkoreġi l-fixed Assets Register bi spiża ta' €1000 kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2439/09/5 kienet approvata nem con.

3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar sekwestru li kien sar lill-kuntrattur R&A Wastekleaners Ltd. U li kienet intbagħtet kopja tiegħu lill-kunsill.

## 4.0 <u>Progress ta' Ħidma</u>

4.1 Is-Sinjura R Cutajar ipproponiet li d-dwal fil-pjazez ikun kontrollat permezz ta' twilight switch. Wara li saret diskussjoni, s-Sinjura R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2440/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill iqabbad lill Nexos biex jitwaħħlu Twilight switches fi Gnien P.R.Gauci, Pjazza R.Miller u Triq is-Sur, Pjazza Gorg Stevens bi spiża ta' mhux aktar minn €300". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2440/09/5 kienet approvata nem con.

4.2 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għall-laqgħa li kienet saret flimkien ma' rappreżentant inkarigat mill-iskema 34U. Kellu jintbagħat reminder dwar il-materja.

4.3 Is-Sinjura R Cutajar staqsiet xi progress kien sar dwar l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa sabiex ikun jista' jsir reklamar fuq għamara tat-toroq. Saret diskussjoni.

4.4 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill bil-progress tax-xogħlijiet ta' culvert li kien għaddej fi Triq is-Sur min-naħa ta' L-ADT. Saret diskussjoni.

4.5 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill dwar xogħlijiet ta' tħaffir li kien ippjanat li jsir mill-Enemalta permess ta' TPS119/2009. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-Enemalta.

4.6 Is-Sur S Camilleri staqsa jekk kienx hemm risposta min-naħa tal-pulizija dwar l-attivita' li saret nhar it-28 ta' Diċembru 2008. Is-Segretarju nforma li l-Kunsill ma' kienx irċieva risposta dwar il-materja msemmija.

4.7 Is-Sur P Dalli ppropona li fil-proġett tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern – it-tielet fażi – isir landascaping tal-post. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' Calamatta landscapes dwar il-materja.

4.8 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet sabiex jitneħħew palm infettat li kien hemm fi Pjazza R Miller. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2441/09/5 "Sabiex il-Kunsill iqabbad lil Wilson Mifsud biex jaqta siġra li hija marida. Din qegħda fi ġnien Reggie Miller għall-spiża ta' mhux aktar minn €120". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2441/09/5 kienet approvata nem con.

4.9 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill sabiex isiru pots li setgħu jitpoġġew fi Triq Hompesch. Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li dawn isiru permezz ta' fondi mill-UIF. Kien hemm qbil li sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tinġieb stima ta' 22 pot bħal dawk li diġa hemm fi Triq Żabbar.

Is-Sur M Lombardo ħalla l-kamra – 20.15hrs.

4.10 Is-Sur P Dalli nforma dwar ir-risposta li kien irċieva l-Kunsill min-naħa ta' Leon Promotions fir-rigward ta' organiżżazzjoni ta' attivita' tal-karnival.

4.11 Is-Sur P Dalli għamel referenza għall-proposta tiegħu fl-aħħar laqgħa dwar l-attivita' 'Puttinu Cares'. Ma kienx hemm oġġezzjoni li l-Kunsill idaħħal tim

f'din l-attivita' bħala inizjattiva personali tal-membri tal-Kunsill. Is-Sur P Dalli kellu jikkordina din il-parteċipazzjoni.

4.12 Is-Sur P Dalli staqsa dwar jekk sarx progress rigward il-laqgħa li kellha ssir ma' Fgura U.F.C. Is-Segretarju nforma li l-Kunsill ma' kienx irċieva risposta dwar il-komunikazzjoni li kienet saret.

4.13 Il-Viċi-Sindku għamel referenza għal xogħlijiet li kienu ppjanati li jsiru mill-ADT fi Triq il-Foss, filwaqt li ppropona li tintbagħat ittra fejn ikunu mistoqsija jekk il-parti tat-triq bejn il-mina ta' Hompesch u l-mitħna kenitx inkluża bħal parti minn dawn ix-xogħlijiet. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.14 Il-Viċi-Sindku ressaq għall-atenzjoni tal-Kunsill ilmenti dwar tpoġġija ta' litter bins f'diversi partijiet tal-Fgura. Wara li saret diskussjoni, il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2442/09/5 "Sabiex jitwaħħal dustbins fi 1)Triq Gardjola k/m Triq W.Lasell in-naħa li hemm bankina 2)Zabbar Road ħdejn il-ħanut Hidden Assets" Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2442/09/5 kienet approvata nem con.

4.15 Il-Viċi-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ilmenti dwar tpoġġija ta' doggy bins f'diversi partijiet tal-Fgura. Wara li saret diskussjoni, il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2443/09/5 "Sabiex jitwaħħal doggy bin fit triq Mater Boni Consigli kantuniera ma Triq is-Sejba Punika (opposite B4 textiles)." Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2443/09/5 kienet approvata nem con.

4.16 Saret diskussjoni dwar tankijiet għar-rimi taż-żibel li kien hemm fid-daħla tal-grawnd ta' Fgura U.F.C.

4.17 Il-Viċi-Sindku għamel referenza għal rimi ta' materjal fi Triq Aldebaran. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li l-ilment 17/2018/07 ikun riferut lill-Kunsilli 2015 sabiex ikun jista' jinġabar.

4.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tat-taqsima tas-saħħa li ma' tkomplix bil-korsijiet ta' l-aerobics li kienu għaddejjin. Saret diskussjoni.

## 5.0 <u>Approvazzjoni ta' Listi</u>

5.1 **Purchase Request Forms** – Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentati Dok'A' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2444/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2444/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

5.2 **Ħlasijiet -** Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentata Dok'B' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2445/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2445/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 6.0 Proposti tibdil kuntratt manutenzjoni dwal tat-toroq

6.1 Ma kienx hemm proposti għad-diskussjoni.

## 7.0 Locality Maps

7.1 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet li kien għamel il-Kunsill sabiex jinstalla Locality Maps f'diversi postijiet fil-Fgura. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-MEPA dwar il-materja u wara terġa ssir diskussjoni fil-Kunsill dwar il-proposti ġodda. Is-Sur S Camilleri u s-Sur P Dalli kellhom jattendu għal din il-laqgħa.

## 8.0 Memo 5/2009 – Skema Inizjattivi Sportivi

8.1 Wara li saret diskussjoni dwar inizjattivi li setgħa jieħu l-Kunsill dwar din il-materja in vista tal-laqgħa li kellha ssir mal-Kunsill Malti għall-Isport, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2446/09/5 "Li dan il-Kunsill jidħol fl-iskema inizjattivi sportivi b'referenza għall-Memo 5/2009 dwar: Kors ta' Aerobics, Upgrading Basketball Court f'P.R.Gauci". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2446/09/5 kienet approvata nem con.

8.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2447/09/5 "Sabiex il-Perit D.Falzon jgħatina Bill of Quantities tal-upgrade tal-Basketball Court f'P.R.Gauci u jissotometti pjanta bi spiża ta' mhux aktar minn €700". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2447/09/5 kienet approvata nem con.

**9.0 Budget 2009-2010**

9.1 Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu proposti li setgħu ikunu kkunsidrati għall-budget 2009-2010.

**10.0 Pjan ta' Ħidma 2009-2012**

10.1 Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu proposti li setgħu ikunu kkunsidrati għall-pjan ta' ħidma 2009-2012

**11.0 Laqgħa tal-Lokalita'**

11.1 Saret diskussjoni dwar id-data ta' din il-laqgħa. Kien hemm qbil li din tkun rimandata sakemm tkun magħrufa l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2009-2010.

**12.0 Aġġornament**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fl-20.50hrs u kienet aġġornata għat-tieni Ħamis fix-xahar ta' Marzu 2009.

____________________ __________________

Sindku Segretarju